MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 245/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Noel Falzon talli fil-lejl ta’ bejn is-17 ta' Marzu 2001 u t-18 ta’ Marzu 2001, gewwa Birzebbuga:

a) volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Claire Polidano hekk kif kien iccertifikat mit-tabib mediku ta’ l-Isptar San Luqa;
b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara

tammonta ghal aktar minn Lm50 izda inqas minn Lm500 ghad-detriment ta’ Claire Polidano;
c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurjahom jew idejjaq jew ghamel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;
d) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
e) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, volontarjament hedded lil Claire Polidano bi kliem;
f) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostsanzi, minghajr ma darrab jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies;
g) aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-sentenza datata 27 ta’ Frar 2001, (Awla 3) fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet imponiet illi l-akkuzat ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur;
h) Il-Qorti giet mitluba sabiex jinzamm il-bon ordni u l-paci pubblika flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi moghtija mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Noel Falzon hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu salv b’eccezzjoni ghal dik li kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti nhar is-27 ta’ Frar 2001, mil-liema akkuza lliberatu, u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tliet snin u oltre dan ikkundannat lill-hati jikkumpensa lill-vittma Claire Polidano fl-ammont ta’ mitejn liri Maltin (Lm200), kif ukoll obbligatu li ma jimmolestax lil Claire Polidano ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza taht penali ta' hamsin liri Maltin (Lm50) fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Noel Falzon pprezentat fl-4 ta’ Awwissu 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

a) tikkonfermaha in kwantu sabitu mhux hati ta’ l-imputazzjoni ittra (g)

(is-seba' imputazzjoni);

b) tirrevokaha in kwantu ghall-bqija inkluz id-digriet inkorporat fl-istess sentenza li biha laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li d-data tal-allegat incident li sehh bejn is-sbatax u t-tmintax ta’ Marzu 2001, tigi kkancellata u sostitwita bid-dati bejn is-sittax u s-sbatax ta' Marzu 2001 billi tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjonijiet bl-ittri (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (h) li taghhom gie misjub hati u b'hekk jigi dikjarat hieles minn kwalunkwe imputazzjoni u piena;

c) subordinament u bla pregudizzju ghat-talba precedenti jitlob li fil-kaz ta’ konferma ta’ htija ‘in toto’ jew ‘in parte’ dina l-Qorti joghgobha tapplika fil-konfront tieghu piena ehfef u aktar addattata ghalih, senjatament li titnehhielu l-piena karcerarja kif sospiza inflitta mill-Ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li tirreferi ghat-talba li ghamlet il-prosekuzzjoni fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2005 ghal korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li d-data ta’ l-allegat incident li sehh bejn is-17 u t-18 ta’ Marzu 2001 tigi kancellata u sostitwita bid-dati bejn is-16 u s-17 ta’ Marzu 2001. Huwa jghid li minn ezami tal-verbal imsemmi ghandu jirrizulta li l-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba ghal korrezzjoni f’dik is-seduta u n-noti sussegwenti pprezentati mill-prosekuzzjoni kienu ntizi bhala noti ta’ sottomissjonijiet u mhux bhala talbiet biex issir il-korrezzjoni ndikata.

Dan l-aggravju pero` huwa nfondat peress illi minn ezami tal-verbal relattiv jirrizulta li saret postilla fil-verbal u li tghid testwalment hekk: *“Prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fid-data indikata fic-citazzjoni fis-sens illi minflok id-data bejn is-17 u 18 ta’ Marzu 2001 jitnizzel bejn is-16 u 17 ta’ Marzu 2001.”* Hemm ukoll indikazzjoni li din iz-zieda

ghandha tinqara qabel is-sentenza li tghid: *"Il-Prosekuzzjoni titlob li taghmel nota ta' sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tad-data."* Huwa certament logiku li talba bhal din biex issir nota dwar "il-kwistjoni tad-data" tkun saret wara talba antecedenti biex issir korrezzjoni fid-data. Il-pagna in kwistjoni mbaghad hija ffirmata mill-Magistrat sedenti fl-Ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu pero` l-appellant jghid li *dato non concesso* illi l-prosekuzzjoni kienet ghamlet talba ghall-korrezzjoni, l-Ewwel Qorti ma setghetx f'dak l-istadju inoltrat tal-kawza, addirittura wara li l-partijiet kienu spiccaw jittrattaw il-kaz u kull ma kien jonqos kien li l-kawza tithalla ghas-sentenza, li torda korrezzjoni fid-data ta' l-incident, u addirittura tordna korrezzjoni fis-sentenza u minghajr ma tordna n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta, u allura bi ksur evidenti tad-dritt naturali *audi alteram partem*. L-appellant jghid li l-imputazzjoni kienet marbuta ma' data partikolari u jekk il-prosekuzzjoni ma taghmilx din il-prova l-akkuza tfalli. L-appellant isostni li m'ghandux ikun penalizzat ghax fit-trattazzjoni finali tieghu ssolleva bhala parti mid-difiza tieghu, minflok baqa' sieket u mbaghad jirrikorri ghall-appell, li d-data ta' l-allegat incident kienet zbaljata.

Il-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma fil-qosor is-segwenti. L-appellant tressaq b'citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti u akkuzat talli **bejn is-17 ta' Marzu 2001 u t-18 ta' Marzu 2001** gewwa B'Bugia kkommetta diversi reati, fosthom li volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claire Polidano.

Meta xehdet fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2001, l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Maria Stella Cutajar (fol. 13) qalet li kienet giet infurmata li **fis-17 ta' Marzu** kien sehh incident bejn l-appellant u Claire Polidano. Mill-istqarrija ta' l-appellant jirrizulta li huwa gie mistoqsi mill-istess ufficjal prosekutur dwar incident li sehh fis-17 ta' Marzu 2001. Claire Polidano giet mistoqsija specifikatament dwar dak li gara bejn is-17 u t-18 ta' Marzu. Xhieda ohrajn wkoll jirreferu ghas-17 ta' Marzu 2001. Fit-28 ta' Jannar

2004 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Fis-16 ta' Gunju 2004 l-appellant xehed dwar l-incident li sehh bejnu u Claire Polidano u stqarr li dan kien fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu u mhux fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Marzu. Wara zewg seduti li fihom ma sar xejn, fl-20 ta' Ottubru 2004 rega' xehed l-appellant u kkonferma mill-gdid li l-incident in kwistjoni sehh bejn is-16 u s-17 ta' Marzu 2001. P.S. 297 Teddy Baldacchino ukoll xehed u kkonferma li kien fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Marzu li Claire Polidano kienet marret taghmel rapport l-ghassa, ghall-habta ta' l-4.00 a.m. F'seduta sussegwenti tat-8 ta' Novembru 2004 xehed P.C. 997 Joseph Busuttil li qal li Claire Polidano kienet marret taghmel rapport fis-17 ta' Marzu fil-5.30 a.m. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2005 id-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni ghat-28 ta' Frar 2005 meta ma sar xejn peress li l-appellant kien indispost u l-ufficjal prosekutur ma dehritx. Fis-16 ta'Marzu 2005 imbaghad saret it-talba tal-prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Gewipprezentati zewg noti mill-prosekuzzjoni fejn bazikament inghad li l-izball fid-data kien biss *lapsus calami* u li stante l-gheluq tas-sottomissjonijiet tal-partijiet ikun ta' pregudizzju ghall-gustizzja li jinbdew proceduri godda specjalment meta wiehed iqis li l-imputazzjonijiet "(ta' l-anqas dawk l-aktar gravi)" kienu ghadhom mhumiex preskritti. Fin-nota responsiva tieghu l-appellant stqarr bla tlaqliq li huwa halla din il-kwstjoni dwar id-data ta' l-incident proprjament ghall-finali trattazzjoni bhala parti mid-difiza tieghu; li l-imputazzjoni hi marbuta ma' data partikolari u jekk il-prosekuzzjoni ma taghmilx din il-prova, l-imputazzjoni tfalli. Skond verbal ta' l-20 ta' Gunju 2005 imbaghad il-kawza giet trattata u thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Lulju 2005. Fis-sentenza ntlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni u l-Ewwel Qorti pprocediet biex tippronunzja ruhha fil-mertu.

F'kaz analogu deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Marzu 1955 (per l-Imhallef William Harding) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Vol. XXXIX.iv.986), fejn giet milqugha talba tal-prosekuzzjoni ghal korrezzjoni fid-data, nonostante l-oppozizzzjoni tad-

difiza fuq il-motiv li din giet mitluba wara li nstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni u wara li d-difiza kienet saret, u fejn is-sentenza nghatat fl-istess gurnata, gie ritenut l-ewwel nett illi l-Qorti mhix obbligata tiddifferixxi l-kawza, meta tkun saret korrezzjoni, jekk ma ssirx talba ghad-differiment mill-imputat. U ziedet tghid hekk:

**"Lanqas hu l-kaz li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien 'deceived' jew 'misled', jew b'xi mod pregudikat; ghax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fic-citazzjoni ma setghux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruhu …. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni tac-citazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, ghall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma ghandux jigi maghmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruhu minn zball tal-prosekuzzjoni, imma filli genwinament, minhabba dak l-izball, hu jkun gie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiza.**

**Lanqas ghandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjah 'variance'; ghax appuntu 'variance' hi deskritta fil-gurisprudenza Ingliza bhala 'some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence' (ara Martin vsa Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630). Gie anki deciz, fil-Qrati Inglizi, illi 'where the date of the offence is incorrectly stated, the Court should amend the information or adjourn the heasring, not dismiss the case' (ara Exeter Corporation vs Heaman (1877) 42 J.P. 503"**

Fil-kaz in ezami l-appellant kien jaf precizament kontra liema fatti hu kellu jiddefendi ruhu. Dan johrog car mix-xiehda li ta hu stess fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2004. U, nonostante l-istadju inoltrat tal-kawza, galadarba kienet ghadha ma gietx differita ghas-sentenza, l-Ewwel Qorti setghet tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni minghajr il-htiega li c-citazzjoni terga' tigi notifikata. Ma jirrizultax lanqas mill-atti li d-difiza nsistiet li tigi l-ewwel deciza t-talba ghal korrezzjoni qabel ma l-Ewwel Qorti thalli l-kawza ghas-

sentenza. Anzi, wara li saru n-noti mill-partijiet, il-kawza giet trattata u thalliet ghas-sentenza minghajr ebda oggezzjoni da parti tad-difiza. Jigifieri l-appellant ma jistax jghid li huwa gie 'deceived' jew 'misled' bid-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li tordna l-korrezzjoni in kwistjoni.

Pero`, in vista tal-fatt li hemm kwistjonijiet ohra li jridu jigu determinati - il-kwistjoni ta' preskrizzjoni ta' l-imputazzjonijiet (c) sa (f), l-apprezzament mill-gdid tal-fatti, il-kwistjoni tal-piena - din il-Qorti thoss li huwa aktar ghaqli li din il-Qoprti tissofferma fuq dawn l-aggravji preliminari sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni taghti l-opportunita` lill-partijiet li jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom fuq dawn il-kwistjonijiet ukoll.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-aggravji kontenuti fir-rikors ta' appell enumerati min-numru 1 san-numru 3 u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------